*-dannu lill-persuna ta' klijent ta' barriera*

*-kulpa kuntrattwali – piż tal-prova differenti minn dak tal-kulpa akwiljana*

*-obbligu ta' sid-il barriera li joffri post sigur*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 21 TA' MEJJU 2019.

## Rikors Nru. 1134/2012GM

**JOHN ZAHRA**

**vs**

**CARMEL VELLA LIMITED (C2493)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' John Zahra ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti:

(a) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident li seħħ fl-14 ta' Novembru 2006 ġewwa l-impjant-barriera fi Triq il-Labour, Naxxar, proprjeta' jew amministrata mis-soċjeta` konvenuta fejn l-attur sofra danni tax-xorta *lucrum cessans* u *damnum emergens*, seħħ unikament tort tas-soċjeta` konvenuta minħabba n-negliġenza, imprudenza, nuqqas ta' kura u/jew ksur ta' regolamenti u talli ma pprovdietx *a safe place of work*;

(b) tillikwida d-danni hekk sofferti. Kemm dawk tax-xorta *damnum emergens* u *lucrum cessans*; u

(ċ) tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata.

Talab ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċċjali datati 14 ta' Diċembru 2010, 10 ta' Jannar 2007 u 15 ta' Diċembru 2008, bl-imgħax legali mill-14 ta' Novembru 2006;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenuta imħarrka fis-16 ta' Jannar 2013 fejn laqgħet għat-talbiet attriċi billi stqarret illi l-inċident ma seħħx b'xi tort minn tagħha u għalhekk ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati u mingħajr preġudizzju, l-entita' tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant għandu jagħmel il-prova tad-danni skond il-liġi. Hija kontestata r-rata tad-debilita` allegatament subita mill-attur liema debilita` hija inqas minn dak minnu dikjarat fl-atti promoturi hekk kif determinat mill-konsulent ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel fir-rapport tiegħu minnu redatt. Eċċepiet ukoll illi it-tielet talba għandha tiġi miċħuda;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tat-18 ta' Jannar 2013 fejn ħatret lil Mr Charles Grixti bħala espert mediku;

Rat ir-rapport tal-istess perit mediku;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li permezz ta' provvediment mogħti fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2019 il-kaw\a ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti**

Illi l-attur jaħdem għal rasu fit-tqiegħed tal-madum. Dan ix-xogħol jirrikjedilu li jmur iġib ir-ramel mill-barriera tas-soċjeta` konvenuta madwar darbtejn f'xahar kif għamel għal dawn l-aħħar għoxrin sena sabiex ikun jista' jużah għax-xogħol tiegħu. Dak inhar tal-inċident, l-attur kif kien għamel diversi drabi oħra qabel, mar bil-vann tiegħu tal-marka Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni EAN 694, fil-barriera in kwistjoni, u nforma lil impjegat tal-barriera li kien f'uffiċċju kif tidħol mill-kanċell illi kellu bżonn ir-ramel. Zahra jgħid illi dakinhar kellu bżonn tip ta' ramel li jkollu ż-żrar miegħu u bħal dak it-tip, munzell wieħed biss kien hemm li kien għoli madwar żewġt sulari fost aktar munzelli ta' ramel ta' tipi differenti. L-attur niżżel il-vann tiegħu ġewwa l-barriera b'tali mod li l-warrani tal-vann kien qed iħares lejn ir-ramel u ressqu viċin kemm jista' jkun tal-munzell. Fil-barriera viċin tiegħu ma kien hemm ħadd mill-impjegati tal-konvenuta. Zahra beda jimpala r-ramel minn taħt tal-munzell għal ġol vann tiegħu, Bħas-soltu dan il-munzell ma kien imdawwar bl-ebda ilqugħ. Jgħid ukoll li ma kienx provdut ilbies jew tagħmir protettiv. F'salt wieħed l-attur sab ruħu wiċċu 'l isfel mirdum taħt ir-ramel. Irnexxielu joħroġ rasu 'l barra mir-ramel u b'idejh ipprova jagħmel sinjali sabiex jiġbed l-attenzjoni għall-għajnuna għaliex ma kellux saħħa jgħajjat peress li kien taħt xokk u kien muġugħ. Ftit tal-ħin wara, wasal trakk tas-soċjeta` konvenuta li x-xufier tiegħu intebaħ bl-attur u mar jassistih. Minn dak il-ħin 'l hemm, l-attur ma jafx eżattament x'ġara għax beda jintilef minn sensih. L-attur sofra ksur f'siequ x-xellugija u għamlulu xi pins f'siequ;

Illi Joseph Vella li huwa direttur tal-kumpanija konvenuta wera d-dubbji tiegħu għaliex l-attur mar jimla r-ramel minn ħdejn munzell għoli ħafna. Normalment persuni li jkollhom bżonn jimlew ir-ramel personalment, jimlewh minn munzell

ħafna iżgħar għax il-kbar ikunu għal min imur biex jgħabbi bil-gaffa. Sostna li l-barriera jkollha munzelli baxxi appożitament għal min jiġi biex jixtri ammont żgħira ta' ramel. L-attur jispjega illi t-tip ta' ramel li kellu bżonn dak inhar kien jinsab f'munzell wieħed biss u għalhekk mar jimla minn hemm. Jgħid illi l-munzell kien normali bħal drabi oħra li kien mar qabel;

Illi wara l-inċident, sar rapport mal-Occupational Safety and Health Administration (OSHA) iżda ma kienux ittieħdu passi peress illi l-attur jaħdem għal rasu u għalhekk ma kienx hemm relazzjoni ta' impjegat mal-kumpanija konvenuta. Skond rappreżentant tal-OSHA, peress li huma jħarsu s-sigurta` tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, u f'dan il-każ, l-attur ma kienx fuq il-lant tax-xogħol tiegħu offrut mill-employer, ma setgħux jittieħdu passi;

**Responsabilita`**

**- xorta u piż tal-prova fil-kulpa kuntrattwali**

Illi "l-*colpa aquiliana* tirrikorri meta d-dannu jigi kaġonat f'rapport extrakuntrattwali, *cioe`* tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-*neminem laedere* kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-*colpa* jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra"[1];

[1]*Gaetano Spiteri v Thomas Castle* 18.08.1965 Prim'Awla sedenti l-Imħallef M. Caruana Curran - XLIX.ii.1027

Illi "*diverso e` infatti il contenuto della prova che spetta al danneggiato, il quale in caso di inadempimento dell'obbligazione (contrattuale) deve provare soltanto tale inadempimento, spettando poi al danneggiante la prova liberatoria sulla responsabilita`; mentre nella responsabilita` aquiliana, il danneggiato deve provare non solo il fatto dannoso, ma anche la responsabilita` del danneggiante*[2]";

Illi fi kliem il-ġurista Taljan magħruf il-**Bianca:**

"*Come la prova degli altri elementi constitutivi dell'illecito, la prova della colpa e` a carico del danneggiato.* ***In cio` si riscontra una delle piu` vistose differenze della responsabilita` extracontrattuale rispetto a quella contrattuale,*** *dove e` il debitore che ha l'onere di provare la sua mancanza di colpa"*[3];

*"Per quanto si attiene al contenuto della prova liberatoria incombente in generale sul debitore inadempiente, va rilevato che a quest'ultimo* ***non e` sufficiente dare una prova generica delle proprie capacita` o della idoneita` della propria organizzazione o dei mezzi predisposti per l'adempimento.***

*"Occorre piuttosto che egli dia la prova della sua assenza di colpa in relazione alla causa che ha impedito l'adempimento o l'esatto adempimento, che cioe` tale causa era imprevedibile e inevitabile alla stregua della dovuta diligenza.*

*"Questa prova implica l'identificazione della specifica causa impeditiva (il fortuito)"*[4]*… Mentre la prova della mancanza di colpa e` a carico del debitore, la*

---

[2] Enciclopedia Forense

[3] C. Massimo Bianca, *Diritto Civile Vol 5 "**La Responsabilita`**" para. 253: seconda edizione 2012*

[4] op.cit, para. 27

*prova dell'inadempimento e` a carico del creditore"*[5];

Illi "l-ħtija meta tiġi kkunsidrata fl-entita` tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa *aquiliana*, li titnissel minn delitt jew kważi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawża u fil-grad. In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija *aquiliana* tippresupponi fatt li minnu titnissel *ex nunc*. In kwantu għall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilta` fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa skond il-każ, mentri fil-kolpa *aquiliana* r-responsabbilita` testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad"[6];

**Illi skont Artiklu 1125,** tal-Kodiċi Ċivili, "kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni". Iktar minn hekk, l-Art. **1133 tal-Kodiċi Ċivili** jistipula li: "Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, **kemm-il darba hu ma jippruvax** illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija."

"*Mentre nel fatto illecito la colpa conserva un ruolo di primo piano, nella responsabilita` da inadempimento dell'obbligazione la colpa sembra non avere alcuna funzione, se mai l'ha avuta. L'Art. 1218 c.c. prevede una responsabilita` oggettiva del debitore, dalla quale egli si libera dimostrando che* l'inadempimento

[5] op.cit. para. 28
[6] *Vassallo v Mizzi et* -09.04.1949 – Prim'Awla - Vol. XXXIII.ii.379

dipese da una impossibilita` sopravvenuta della prestazione dovuta a causa a lui non imputabile"[7];

**Ir-responsabilita` tas-soċjeta` konvenuti hija waħda kuntrattwali**

Illi dwar id-dinamika tal-aċċident ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti, hija r-responsabilita` għall-akkadut illi m'hemmx qbil fuqu;

Illi hu kompitu tal-Qorti li mill-indaġini u eżami tal-provi akkwiżiti tindividwalizza din ir-responsabilita` li kapaċi tiġi determinata jew minn komportament kolpuż jew minn dawk il-kriterji l-oħra li jridu jiġu meqjusa għall-iskop li wieħed jasal biex jakkolla l-inċidenza ekonomika tal-fatt dannuż. Il-Kodiċi tagħna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-kolpa. B'danakollu ma jonqosx milli jippreċiża li 'jitqies fi ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax **il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja**'[8] (enfasi miżjuda)[9];

Illi l-attur jargumenta illi, is-soċjeta` konvenuta ma offrietx a *safe place of work* iżda mill-atti jirriżulta li l-attur qatt ma kien impjegat tal-konvenuta u dan jikkonfermah huwa stess imma huwa persuna li jaħdem għal rasu li mar jixtri r-ramel mill-barriera tal-konvenuta li kienet qed toffri dan is-servizz u għalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni ta' impjieg bejniethom. Ċertament ma kienx hemm relazzjoni ta' *employer/employee* bejn il-partijiet, lanqas fis-sens wiesa li għal dan il-fini l-

---

[7] Massimo Franzoni, Trattato della Responsabilita` Civile, L'Illecito, Seconda Ed. 2010 paġna 211

[8] Art 1032(1) Kodici Civili.

[9] Artiklu 1074 u 1075 (1031 u 1032) tal-Kodiċi Ċivili

ġurisprudenza tagħna tat f'xi każijiet ta' korriment fuq il-post tax-xogħol. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija waħda bejn imprenditur li jistieden lill-klijenti jaċċedu f'post proprjeta` tiegħu jew ġestit minnu biex hemmhekk joffrilhom is-servizzi tiegħu. Relazzjoni din ta' natura kuntrattwali, bl-okkupant tas-sit xorta jġorr l-obbligu li jipprovdi post sikur, f'dan il-każ, minflok lill-impjegati tiegħu, lill-klijenti.

Illi fi kliem il-ġurista Taljan **Galgano**, fit-trattat tiegħu, ***Diritto Privato*** (para. 30.4 pg.553) "*Il principio e` quello secondo il quale l'imprenditore che, per eseguire la propria prestazione, deve ospitare i clienti nei locali dell'impresa, e` tenuto a predisporre una organizzazzione idonea a garantire l'integrita` e la sicurezza, oltre che della persona del cliente, anche dei beni che egli porta con se`.*

Illi anke skont il-*common law Ngliża*, saħansitra qabel ma ddaħħlu disposizzjonijiet leġislattivi speċifiċi, "*the highest duty of care was owed by the occupier to one who entered in pursuance of a contract with him (for example a guest in a hotel): in that case there was an implied warranty that the premesis were as safe as reasonable care and skill could make them.*"[10]

Sigurta` li huwa evidenti li s-soċjeta` konvenuta kellha tipprovdi u li naqset li tipprovdi, anke tenut kont tal-perikolożita` ta' post bħal barriera. Jirriżulta li ma kien hemm l-ebda sorveljanza. L-attur, wara li nforma lill-impjegat li kien jieħu ħsieb l-aċċess tal-klijenti għall-barriera, mar waħdu ħdejn it-tip ta' materjal li kellu bżonn jixtri. Id-direttur tas-soċjeta` konvenuta, Joseph Vella – li ma kienx preżenti

[10] Winfield & Jolowicz, Tort, 18th ed., 2010, paġna 440

fuq il-post meta seħħ l-inċident – xehed li l-attur kellu jmur fejn kien hemm munzelli żagħar għaliex it-tip ta' munzell li mar iħott minnu kien intiż għal trakkijiet kbar li jitgħabbew bil-gafef. Dan iżda ġie żmentit mill-attur li xehed li l-munzelli li kien ikun hemm fil-barriera, u li fiha kien ilu jaċċedi għal madwar għoxrin sena, kienu fil-parti l-kbira tagħhom kbar u li hu s-soltu kien jimpala l-materjal minn munzelli kbar. Speċifikament fid-data tal-inċident, kien hemm biss munzell wieħed bit-tip ta' materjal li kien jinħtieġ, u ċjoe` dak li vara għal fuqu[11]. Joseph Vella wiegħed li kien sejjer jipproduċi bħala xhieda l-impjegati tiegħu li kienu hemm dakinhar tal-inċident iżda naqas li jagħmel dan. Għalhekk il-verżjoni tal-attur ma ġietx infiċjata. L-attur ipprova dak li kellu jipprova, u ċjoe` daħal fil-barriera bil-kunsens ta' sidha u għamel ħaġa li kien li kienet permessa li jagħmel, u li kien is-soltu jagħmel, u li weġġa' wara li l-munzell ikkollassa għal fuq persuntu. Dan hu biżżejjed f'kuntest ta' relazzjoni kuntrattwali. Ma kienx meħtieġ juri wkoll li l-munzell ikkollassa tort tas-sid, bħalma kien ikun meħtieġ f'kuntestt ta' ħtija akwiljana. Skarikat dan il-piż ta' prova, kien imbagħad imiss lis-sid li jiskolpa ruħu, billi per eżempju jġib provi li ħa l-miżuri kollha meħtieġa biex il-post ikun sikur; jew billi jipprova li s-sinistru seħħ minħabba każ fortuwitu, jew imprevedibbli, inkella li seħħ tort tal-attur. F'dan ir-rigward, l-attur fir-Risposta Guramentata tagħha, is-soċjeta` attriċi m'għamlet l-ebda eċċezzjoni speċifika dwar ir-responsabilita` - per eżempju n-nuqqas ta' prevedibilita`, jew li kien tort ta' xi azzjoni azzardata tal-attur, jew li kien każ fortuwitu - imma eċċepiet b'mod ġeneriku ħafna – u huwa dubjuż ħafna kemm hi valida eċċezzjoni ta' dan it-tip; għax l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ċari daqs it-talbiet – li "m'hix responsabbli għall-inċident de quo". [12] Anzi l-provi juru li l-

[11] l-attur in kontro-eżami a fol 280

[12] fol 15

klijenti kienu jitħallew jidħlu mingħajr l-ebda sorveljanza; kulħadd imur għal triqtu. Lanqas jirriżulta li kien hemm xi sinjali ta' twissija lill-utenti tal-barriera.

Illi għalhekk jirriżulta li kien in-nuqqas tal-konvenuta li tipprovdi sigurta` għal kull min ikun fil-barriera u li kieku kien hemm aktar diligenza u ħsieb, l-attur ma kienx isofri l-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas. Għaldaqstant is-soċjeta` konvenuta għandha tinżamm unikament responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża;

**Likwidazzjoni ta' danni**

***- Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens*, l-attur ressaq numru ta' riċevuti[13] li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, visti mediċi, pultruna speċjalizzata li fuqha seta' jistrieħ aħjar u seta' jtella saqajh, kif ukoll l-ispejjeż għat- tiswijiet fil-vann tiegħu li jammontaw għal-€923.61 fejn l-parti l-oħra ma oġġezzjonatx għalihom;

Għaldaqstant l-Qorti se tillikwida l-ammont ta' *damnum emergens* fis-somma ta' €923.61;

***- Lucrum Cessans***

Illi konsegwenza ta' dan l-aċċident, l-attur kellu jagħmel operazzjoni peress li kien sofra ksur f'siequ x-xellugija. Għamlulu ħadida u xi pins f'siequ li għadu bihom sal-lum. Għamel żmien twil jimxi bil-krozzi u għamel tmien xhur imur għal-fiżjoterapija

[13] Dok JZ1 a fol 66 sa DokJZ06 a fol 73.

fejn kien jiġi bżonn l-għajnuna tal-mara tiegħu sabiex twasslu għal dawn l-appuntamenti;

Illi wara l-inċident, l-attur għamel sena ma jaħdimx u b'hekk l-introjtu tiegħu naqas drastikament. Wara li daħal lura għax-xogħol, ħassu limitat peress ma setax jagħmel ċertu strapazz bħal jinżel għarkupptejh jew jgħawweġ siequ u joqgħod tul ta' ħin bilwieqfa u kien ikun muġugħ u ma kienx għadu jiflaħ jagħmel siegħat twal ta' ħidma. Konsegwenza ta' hekk tilef ħafna xogħol;

***Multiplier***

Illi, meta seħħ l-inċident l-attur kellu 48 sena. Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attur huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talb tal-attur qegħda tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the aċċident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of* ***estimation in the light of the facts*** *of the particular case and of other comparable cases*"[14];

[14]Peter Cane, Atiyah's Aċċidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 122.

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[15], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[16], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[17], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu tmienja u erbgħin (48) sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, u tal-qbil bejn il-partijiet, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 11 sena[18];

**Introjtu**

Illi l-attur ippreżenta formuli tat-taxxa fuq l-*income* u *self-Assessment* għas-sena 2004 sa 2006 u ċjoe' qabel ma' ġara l-aċċident u inħareġ id-dħul medju €8,145.04. Is-soċjeta` konvenuta mhix qed tikkontesta tali figura u għalhekk din il-Qorti se tieħu in konsiderazzjoni tali multiplikand. Il-Qorti hi tal-fehma li ma' dan l-ammont rappreżentanti d-dħul annwali għandha tiżdied is-somma ta' €200 fis-sena, biex tikkumpensah għall-varjazzjonijiet fil-pagi, għoli tal-ħajja u żiediet fl-inflazzjoni in ġenerali - €200 x 11 = €2,200;

---

[15]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe.
[16]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe.
[17]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri.
[18] Ara tabella indikattiva fil-kawża Carmen Borg vs Eric Zammit PA, 11.12.2013.

**Rata ta' diżabilita`**

Illi l-espert mediku mqabbad mill-Qorti ikkonstata illi it-tfaqqieħ li l-attur kien qed jisma u l-uġigħ meta jinżel għarkubtejh ġejjin mill-patello-femoral joint jiġifieri l-ġog bejn il-galletta u n-naħa t'isfel tal-għadma tal-koxxa tax-xellug li setgħu ġew involuti fl-aċċident bil-ħsara fil-qarquċa tagħhhom. L-attur għandu bżonn operazzjoni oħra biex titneħħa l-virga u l-viti mill-femur tax-xellug

Illi Mr Massimo Abela mqabbad ex parte mill-attur attribwixxa persentaġġ ta' diżabilita` permanenti ta' 8% filwaqt li r-rapport ta' Mr Charles Grixti, perit tal-Qorti, ikkonkluda li l-attur sofra minn debilita' permanenti ta' 6%. L-attur jargumenta illi għandha tieħu ir-rata ta' diżabilita' ta 8% konkluża mill-konsulent imqabbad ex parte. L-attur ma talabx għall-ħatra ta' periti perizjuri u lanqas ma indenja ruħu b'xi mod jeskuti ir-rapport tal-espert mediku b'hekk ma użax ir-rimedji li tagħtih il-Liġi sabiex, la darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu qed jgħid li ma qabilx ma' dak ir-rapport, jattaka l-istess riżultanzi;

Għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiskarta r-rapport imħejji mill-esperti minnha maħtur u tatribwixxi rata ta' diżabilita ta' 6%;

***Lump Sum Payment:***

Kif diċa` ngħad minn din l-istess Qorti kif ippreseduta f'kawżi bħal dawn, 'il-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali

kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.'[19]. Dan jgħodd saħansitra iktar u iktar f'dan il-każ fejn għaddew tlettax-il sena mid-data tal-inċident.

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

(Paga ta' €8,145.04 x *Multiplier* ta' 11 sena x Grad ta' diżabilita` permanenti ta' 6% ) + €2,200 = €7,575.73;

Għaldaqstant;

Damnum emergens = -€923.61;
Lucrum cessans = €7,575.73;
Total = €8,499.34

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u:

1. Tiddikjara illi l-inċident li seħħ fl-14 ta' Novembru 2006 ġewwa l-impjanat-barriera fi Triq il-Labour, Naxxar, proprjeta` u jew amministrata mis-soċjeta`

[19] Trevor Grech vs Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.

konvenuta għad-detriment tal-attur, seħħ unikament tort tas-soċjeta` konvenuta minħabba negliġenza u imprudenza.

2. Tillikwida d-danni fis-somma ta’ €8,499.34.

3. tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta, biex tħallas lill-attur s-somma hekk likwidata ta’ €8,499.34 flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b’seħħ mid-data ta’ din is-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv.

Spejjeż tal-kawża a kariku tas-soċjeta` konvenuta inklużi dawk tal-ittri uffiċċjali datati 14 ta’ Diċembru 2010, 10 ta’ Jannar 2007 u 15 ta’ Diċembru 2008.

ONOR IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA